**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 10 ta' Dicembru 2020.**

**<u>Rikors nru: 380/2020 AGV ;</u>**

ABC

Vs

DE

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors tar-rikorrenti datat 2 ta' Novembru 2020 fejn esponiet bir-rispett u ikkonfermat;**

1. **Illi** l- esponenti zzewget lil DE liema zwieg gie kkontrattta ,fil-21 ta' Novembru 2009 ( Dok. A) u kienu sseparaw ai termini ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-nutar Dr. Dorianne Arapa datat 13 ta' Marzu 2013 ( Dok B);
2. **Illi** mill-imsemmi zwieg twieldet FEC fid- 29 ta' Settembru 2009, li llum il-gurnata ghandha 11-il sena;

3. Illi ma hemmx arretrati ta' manteniment;
4. Illi m' hemm ebda prospett regenevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, lum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
5. Illi dal-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqastant umilment titlob lil dina Onorabbli Qorti sabiex;

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imhohli ghal daqshekk javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

**Il-Qorti rat ir-risposta ta' DE** datata 24 ta' Novembru 2020 fejn espona bir-rispett ;

1.Illi l-esponenti jikkonferma li l-partijiet fil- kawza de quo ilhom separati permezz ta' separazzjoni personali mit- 13 ta' Marzu 2009 , in atti tan-nutar Dr. Dorianne Arapa u ghaldaqstant jissodisfaw ir-rekwiziti tal-artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta.

Illi m' ghad fadal ebda prospett regenevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi bint il-partijiet qed tinghata manteniment kif regolat mill-kuntratt ta' separazzjoni personali u ghaldaqstant, ma hemmx arretrati ta' manteniment;

Illi ghaldaqstant l-esponenti jaqbel mat-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors promutur, dment li kull parti thallas l-ispejjez taghha ghal dil-procedura.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**